**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Gerada)**

**vs**

**Mohammad Hassan**

**Odai Hassan**

**Maryam Alhesso**

**Kumpilazzjoni Numru: 1573/2025**

**Illum 26 ta' Marzu 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Mohammad Hassan** ta' 26 sena, Nazzjonalita Sirjana, iben Hassan u Sabah, imwieled is-Sirja nhar l-01 ta' Jannar 1999 residenti ġewwa l-Gordan u detentur tal-Passaport Sirjan bin-numru 116-23-L001697; u

**Odai Hassan** ta’ 27 sena, Nazzjonalita Sirjana, iben Hassan u Sabah, imwieled is-Sirja nhar l-01 ta’ Jannar 1998, residenti ġewwa l-Gordan u detentur tal-Passaport Sirjan bin-numru 116-23-L001510; u

**Maryam Alhesso** ta’ 23 sena, Nazzjonalita Sirjana, bint Aref u Wedad, imwielda s-Sirja nhar il-25 ta’ Ottubru 2001, residenti ġewwa s-Sirja u detentrici tal-Passaport Sirjan bin-numru 004-21-L080011

**Akkuzati** talli fl-1 ta’ Frar 2025, u jew fil-jiem, ġimghat jew xhur ta’ qabel din id-data f’dawn il-gzejjer:

1. Iffalsifikaw, biddlu jew ghamlu xi tibdil f’passaporti, jew użaw jew kellhom fil-pussess taghhom xi passaport, li huma kienu jafu li gew iffalsifikati, imbiddla jew li sar xi tibdil fihom (Kap. 61 Artiklu 5, tal-Ligijiet ta’ Malta);

2. Kif ukoll talli xjentement ghamlu uzu minn xi dokumenti ohra iffalsikati (Kap. 9 Artiklu 189 tal-Ligijiet ta’ Malta);

3. Kif ukoll minghajr awtorita’ leġittima użaw jew kellhom fil-pussess taghhom xi dokumenti, mehtieg ghall-finijiet ta’ dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217 Artiklu 32(1)(f) tal-Ligijiet ta’ Malta).

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta’ spejjes il jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.[1]

[1] A folio 2 tal-process.

Rat illi fl-ewwel seduta l-imputati Mohammad Hassan, Odai Hassan u Maryam Alhesso lkoll wiegbu li mhux hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.[2]

Rat li fis-seduta tal-25 ta' Frar 2025 l-imputat **Mohammed Hassan** irregistra ammissjoni u wiegeb hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu f'dawn il-proceduri fis-seduta tat-02 ta' Frar 2025 u dan wara li gie debitament imwissi skond il-ligi u inaghta cans jikkonsidra u jikkonsulta mal-avukat tieghu dwar il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni.[3]

Semghet lill-imputat jikkonferma l-htija tieghu fir-rigward tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fl-istess seduta tat-02 ta' Frar 2025.[4]

Rat illi wara li tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li tat lill-imputat zmien ragonevoli sabiex jerga' jikkonsulta mal-Avukat li qed jassistih f'dawn il-proceduri u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, u l-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, l-imputat reġa' ikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-akkużi migjuba kontra tieghu.[5]

Rat li fis-seduta tal-25 ta' Frar 2025 l-imputat **Odai Hassan** irregistra ammissjoni u wiegeb hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu f'dawn il-proceduri fis-seduta tat-02 ta' Frar 2025 u dan wara li gie debitament imwissi skond il-ligi u inghata cans jikkonsidra u jikkonsulta mal-avukat tieghu dwar il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni.[6]

[2] A folio 5 tal-process.

[3] A folio 59-60 tal-process.

[4] A folio 60-51 tal-process.

[5] A folio 60-51 tal-process.

[6] A folio 61-62 tal-process.

Semghet lill-imputat jikkonferma l-htija tieghu fir-rigward tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fl-istess seduta tal-25 ta' Frar 2025.[7]

Rat illi wara li tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li tat lill-imputat zmien ragonevoli sabiex jerga' jikkonsulta mal-Avukat li qed jassistih f'dawn il-proceduri u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, u l-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, l-imputat reġa' ikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-akkużi migjuba kontra tieghu.[8]

Rat li fis-seduta tal-25 ta' Frar 2025 l-imputata **Maryam Alhesso** irregistrat ammissjoni u wiegbet hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha fis-seduta tat-02 ta' Frar 2025 f'dawn il-proceduri u dan wara li giet debitament imwissija skond il-ligi u inghatat cans tikkonsidra u tikkonsulta mal-avukat taghha dwar il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni.[9]

Semghet lill-imputata tikkonferma l-htija taghha fir-rigward tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fl-istess seduta tal-25 ta' Frar 2025.[10]

Rat illi wara li tat zmien ragonevoli lill-imputata sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni taghha u wara li tat lill-imputata zmien ragonevoli sabiex terga' tikkonsulta mal-Avukat li qed jassistiha f'dawn il-proceduri u wara li l-Qorti spjegatilha l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni,

[7] A folio 61-62 tal-process.

[8] A folio 61-62 tal-process.

[9] A folio 62-63 tal-process.

[10] A folio 62-63 tal-process.

u l-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, l-imputata reġghet ikkonfermat l-ammissjoni taghha ghall-akkużi migjuba kontra taghha.[11]

Rat l-atti kollha.

Rat il-fedina penali tal-imputati, Dokumenti HG7, HG8 u HG9 prezentati in atti mill-prosekuzzjoni[12].

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fl-istess seduta tal-25 ta' Frar 2025.[13]

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan huwa kaz dwar tlett peruni allegatament mwielda s-Sirja, ossija third country nationals, li waqt li qeghdin ospitati f'Malta u cioe f'pajjiz tal-Unjoni Ewropeja, ipprovaw jitilqu lejn Memmingem, il-Germanja b'dokumenti allegatament foloz. Huwa ampjament car li biex jaghmlu dan huma kellhom bzonn passaport validu kif ukoll visa biex johorgu mill-pajjiz kif ukoll biex jidhlu f'pajjiz iehor fl-Unjoni Ewropeja f'dan il-kaz il-Germanja, lejn liema pajjiz huma kienu qed jippruvaw jivvjaggaw. Izda l-ufficcjali fl-ajruport f'Malta ndunaw li d-dokumenti li ipprezentaw kienu foloz u huma gew imwaqqfa milli jitilqu mill-pajjiz.

[11] A folio 62-63 tal-process.

[12] A folio 25-30 tal-process.

[13] Traskritti a folio 127-129 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

Illi fuq ammissjoni inkondizzjonata taghhom stess l-akkuzi jinsabu pruvati u l-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputati.

Illi fl-istadju li giet registrata l-ammissjoni x-xhieda tal-prosekuzzjoni kif ukoll l-espert mahtur mill-Qorti sabiex jikkonstata jekk l-imsemmija dokumenti kinux foloz jew inkella genwini, John Charles Ellul, kienu diga xehdu u l-espert ipprezenta wkoll ir-rapport tieghu Dok EJC[14].

**Ikkunsidrat:**

**Il-Ligi u Gurisprudenza Applikabbli**

L-imputati huma akkuzati kemm taht l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9, taht l-Artiklu 5 tal-Kapitolu 61 kif ukoll taht l-Artikolu 32(1)(c) u (f) tal-Kapitolu 217, tal-Ligijiet ta' Malta.

Id-definizzjoni ta' x'inhu passaport taht il-**Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta** hija is-segwenti:

"*passaport" tinkludi ċertifikat tal-identità, dokument ta' identifikazzjoni legalment validu maħruġ minn awtorità kompetenti għal skopijiet ta' vjaġġar*;

Filwaqt li l-artikolu 5 tal-istess Ligi jghid is-segwenti:

'*Kull min jiffalsifika, ibiddel, jew jagħmel xi tibdil f'passaport jew juża jew ikollu għandu passaport li huwa jaf li ġie iffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa sentejn*'

[14] A folio 50 -126 tal-process.

Konsegwentament kull min juza jew ikollu fil-pussess tieghu karta tal-identita’ falza ghal skopijiet ta’ vjaggar kif inhu dan il-kaz huwa hati ta’ reat. Minghajr dubbju, kif diga’ inghad iz-zewg imputati ahwa Hassan kellhom fil-pussess taghhom karta tal-identita’ Griega iffalsifikata u ghalhekk l-prosekuzzjoni ippruvat il-kaz skond il-ligi, filwaqt illi l-imputata Alhesso kellha fil-pussess taghha permess ta’ residenza Belgjan falz. Il-Ligi tinkludi wkoll is-semplici pussess ghax tghid “ikollu ghandu” u ghalhekk mhux necessarju li l-imputat ikun ghamel uzu mill-imsemmi dokument, izda huwa bizzejjed li l-imputat kellu fil-pussess tieghu tali document sabiex tinstab htija.

Mill-banda l-ohra **il-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta** jaghti s-segwenti definizzjonijiet ta’ x’inhu passaport u passiggier:

“*passaport” tfisser passaport li jirreferi għal dik il-persuna li tkun meħtieġa li tipproduċih, li jkun fih ritratt ta’ dik il-persuna, li jkun validu fid-data li dik il-persuna titlob id-dħul f’Malta u ma jkunx imissu jiskadi qabel id-data li fiha l-istess persuna bi ħsiebha titlaq minn Malta, u tinkludi kull dokument bħal dak li jistabbilixxi l-identità u n-nazzjonalità tal-persuna li għaliha jirriferi b’mod li jissodisfa lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni*;

“*passiġġier” tfisser kull persuna, barra minn membru ta’ ekwipaġġ, li tivvjaġġa jew li tfittex li tivvjaġġa abbord ta’ bastiment*;

**L-artikolu 32 (1) (c) u (f) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Att dwar l-Immigrazzjoni** imbaghad jghid is-segwenti:

*Kull persuna li:*

………

*(ċ) dwar xi informazzjoni li għandha tiġi mogħtija skont jew għall-finijiet ta’ dan l-Att, tagħti jew iġġiegħel li jingħata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta’ fatti foloz;*

……………

*(f) mingħajr awtorità leġittima tuża jew ikollha fil-pussess tagħha xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat;*

L-imputati gew akkuzati wkoll taht l-**Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta** li jaqra testwalment is-segwenti:

'*Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena*'.

Il-Qorti tfakkar li kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs Paul Bonnici** deciza fit-30 ta' Gunju 1961 per Onor. Imhallef W. Harding:

'F'materja ta' falsifikazzjoni ta' dokument l-iskriminanti tal-grossolanita' tal-falsifikazzjoni ma hix applikabbli meta l-falsifikazzjoni tkun saret f' dokument pubbliku; u ghalhekk mhix applikabbli f'kaz ta' falsifikazzjoni ta' licenzja tas-sewqan, ghax din hi dokument pubbliku.'

Imbaghad fis-sentenza **Il-Majesta Taghha r-Regina vs Spiru Quintano et.**, deciza mill-Qorti Kriminali fit-13 ta' Dicembru 1954 per S.T.O. Sir L.A. Camilleri u l-Imhallefin A.J. Montanaro u W. Harding intqal:

'Il-kelma dokument ghandha sinifikat ampju, fis-sens ta' kwalunkwe haga li tiswa biex tipprova l-verita' u konsegwentement ma tillimitax ruha ghas-sens ta' skrittura.'

Fil-kawza **Il-Pulizija (Spettur Frankige Sammut vs Yunus Yusif** (Appell Nru. 117/2021) deciza fid-19 ta' Lulju 2021 per Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti intqal:

‘….l-artikolu 189 jghid: “kull min jaghmel falsifikazzjoni ohra jew xjentement jaghmel uzu minn xi dokument iehor imsemmi fl-artikoli ta’ qabel dan it-Titolu” jkun qed jinkludi kull dokument iehor ta’ liema xorta jkun.’

Ma hemmx dubbju li karta ta’ identita’ hija dokument pubbliku li kellha d-dettalji u wicc l-imputat rispettivament impressjonata fuqha. Kienet ukoll fil-pussess ta kull wiehed mill-imputati rispettivament u ipprezentawha waqt ic-check-in.

Dan ifisser li l-eghmil ta’ kull wiehed mill-imputati rispettivament kollu kemm hu jinkwadra fid-disposizzjoni ta’ dan l-artikolu.

Illi dan kollu jghodd ukoll ghall-imputata illi ipprezentat permess tar-rsidenza Belgjan bil-ghan li tivvjagga bih, liema permess kien falz.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tqis illi in vista tal-ammissjoni inkondizzjonata registrata minn kull wiehed mill-imputati u mill-imputata l-akkuzi jinsabu pruvati.

Illi pero l-Qorti ghandha wkoll tghid illi din l-ammissjoni giet registrata fi stadju tardiv tal-proceduri, meta x-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni kienu xehdu[15] u tant illi il-Qorti kienet diga hatret l-espert sabiex jikkonstata l-genwinita o meno tal-imsemmija dokumenti u dan kien ukoll diga xehed u prezenta r-rapport tieghu[16].

**Ikkunsidrat:**

[15] A folio 50-58 tal-process.

[16] A folio 62-126 tal-process.

Wiehed irid ifakkar ukoll li kif inhu ben maghruf l-ammissjoni bikrija ma tintitolax lill-imputat ghal xi skont mill-piena b'mod awtomatiku.[17] Ara f' dan is-sens is-segwenti sentenzi decizi mill-Qorti tal-Appelli Kriminali- **Il-Pulizija vs Emanuel Testa** (App. Nru. 152/2002) deciza per Onor. Imhallef Vincent De Gaetano; **Il-Pulizija vs Christ Paul Camilleri** (App. Nru. 128/2018) per Onor. Imhallef Aaron Brugeja; **Il-Pulizija vs Costantino Felice et** (App. Nru. 210/2007) per Onor. Imhallef Joseph Galea Debono, **Il-Pulizija vs Angel Attard** (App. Nru. 148/2005) per Onor. Joseph Galea Debono, **Il-Pulizija vs Paul Calleja** (App. Nru. 307/2008) per S.T. Onor. Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-piena il-Qorti thoss li dawn huma reati serji hafna u li kull ma jmur sfortunatament qed jizdiedu. Il-forzi tas-sigurta' pubblika iridu joqghod b'seba' mitt ghajn fuq minn diehel u hiereg mill-pajjiz u sta' ghal dawn il-Qrati li jibghatu messagg car li dan l-agir mhux accettabbli, huwa kontra l-ligi u ma jistax b'xi mod jigi skuzat tkun xi tkun is-sitwazzjoni tal-imputat, u dan sakemm il-ligi ma tipprovdix mod iehor.

Pajjizna irid ihares is-sigurta' interna pero' ghandu wkoll obbligi ohra biex is-sigurta fl-Unjoni Ewropeja tigi imharsa kif ukoll sabiex pajjizna ma jisfax punt ta' tranzitu fejn persuni juzaw lil pajjizna sabiex jghaddu minn Malta u jmorru f'pajjizi terzi li maghhom Malta ghandha ftehim bilaterali. Jekk pajjizna jigi ittimbrat bhala pajjiz fejn ma hemmx kontrolli adegwati tal-fruntieri allura inkunu qed nistiednu inkwiet ghalina kif ukoll ghal haddiehor. Ir-reputazzjoni tal-pajjiz hija importanti mhux biss ghas-sigurta' tal-pajjiz fiha infisha imma ghax minnha jiddependi wkoll l-izvilupp socjo-ekonomiku tal-pajjiz. Pajjiz b'reputazzjoni hazina fis-sigurta' tieghu jkollu

[17] Issa fil-kaz in ezami l-ammissjoni tal-imputati giet registrata mhux fi stadju bikri izda fi stadju fejn il-provi kollha tal-prosekuzzjoni kienu ezawriti u sahansitra l-espert mahtur mill-Qort kien ukoll espleta l-inkarigu tieghu u prezenta ir-rapport relattiv.

effetti katastrofici fejn tidhol kwalita' gholja ta' ghixien. Dawn il-Qrati ghandhom jaghmlu il-parti taghhom biex dan ma jsehhx u kulhadd ikun sigur u jkollu s-serhan tal-mohh li min qieghed hawn Malta qieghed fil-pajjiz b'mod legittimu.

Infatti l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Yousef Hammat et.** (Appell Nru. 280/2021) deciza fil-15 ta' Settembru 2021 per Onor. Imhallef Edwina Grima diga' kienet irrimarkat is-segwenti:

'Il-Qrati iridu necessarjament iqisu, meta jigu biex jerogaw il-piena idoneja ghal kull kaz ipprezentat quddiemhom, illi kemm jista' jkun ma jkunx hemm repetizzjoni ta' reati li kull ma jmur qed jizdiedu fin-numru taghhom b'periklu ghas-sigurta' fil-pajjiz u li organizzazzjonijiet kriminali li jaghmlu qliegh minn din l-attivita' illegali ma jithallewx jimirhu minghajr ebda razan u kontroll.'[18]

Il-Qorti ma ghandix dubbju li l-imputati kienu jafu x'qed jaghmlu meta huma pruvaw jitilqu minn Malta u kienu jafu wkoll illi d-dokumenti taghhom ma kinux in regola u skont il-ligi.

**Decide:**

Ghaldaqstant, fl-ewwel lok, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq l-ammissjoni tieghu stess qed issib lill-imputat **MOHAMMAD HASSAN HATI** tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, u in vista' tal-fattispeci kollha tal-kaz, inkluz il-fedina penali nadifa

[18] Dawn l-istess kunsiderazzjonijiet saru wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza il-Pulizija vs Anok Amanuel et ( Appelli numru 273, 274, 275/2022) decizi fis-27 ta' Ottubru 2022 per Onor. Imhallef Aaron A. Bugeja.

tal-imputat u wara li qieset il-frekwenza dejjem tizdied ta' dawn il-kazijiet u l-gravita' taghhom kif ben ritenut minn dawn il-Qrati f'cirkostanzi simili, izda wkoll wara li qieset illi l-pajjiz originali li gej minnu l-imputat huwa s-Sirja, pajjiz mimli b'taqlib civili intern, il-Qorti filwaqt illi tqis illi piena karcerarja hija idoneja f'dan il-kaz, tqis ukoll illi ghandha izzomm din il-piena fil-minimu taghha u konsegwentament qeghda tikkundanna lill-imputat MOHAMMED HASSAN ghal zmien sitt (6) xhur prigunerija effettivi li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.[19]

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati biex ihallas lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali terz tal-ispejjez tal-hatra tal-espert is-Sur John Charles Ellul fi zmien xahar minn meta din is-sentenza ssir res judicata jew minn meta huwa jiskonta l-piena skont liema wahda ssehh l-ewwel, altrimenti konvertibbli f'habs skond il-ligi.[20]

Il-Qorti qeghda Tordna ukoll id-distruzzjoni tal-karta tal-identita' Griega falza Dokument HG11 li tinsab a folio 32 tal-process fi zmien gimgha minn meta din is-sentenza issir res judicata u dan taht is-supervizjoni tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u tordna lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali li jipprezenta nota dwar tali distruzzjoni f'dawn l-atti.

---

[19] Ara ukoll il-kawza l-Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni (Spettur Frankie Sammut) vs Dragan Savic (Nru. 6/2020 VGA) deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Mag. Dr. Victor G. Axiaq nhar il-25 ta' Jannar 2020 kif ukoll l-Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni (Spettur Darren Buhagiar) vs Ousmanie Diakite deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Mag. Dr. Victor G. Axiaq nhar il-24 ta' Awwissu 2020.

[20] L-ispejjez tal-espert jammontaw ghal disa' mija disgha u sebghin Ewro u sittax-il centezmu (€979.164) kif jirrizulta a folio 126 tal-process, liema somma diviza fi kwoti ndaqs bejn it-tlett imputati tigi li ghandha tithallas fis-somma ta' tlett mija u sitta u ghoxrin Ewro u disgha u tletin centezmu (€326.39) kull wiehed.

Finalment, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ghal dan il-ghan u sabiex jigbor immedjatament dak li huwa dovut hekk kif din is-sentenza issir res judicata kif ukoll tordna li kopja ta' l-istess sentenza tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija fil-veste tieghu ta' Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni sabiex immedjatament jibda l-preparamenti necessarji sabiex hekk kif din is-sentenza tkun definittiva u ma tistax tigi mibdula jiehu dawk il-passi kollha necessarji sabiex wara illi l-imputat jiskonta l-piena huwa jitkecca immedjatament minn dawn il-Gzejjer, jekk ikun il-kaz li ssir tali tkeccija.

Il-Qorti spjegat lill-imputat MOHAMMED HASSAN fi kliem car u semplice l-import ta' din is-sentenza, l-obbligi tieghu skont l-istess sentenza u  l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

U

Ghaldaqstant, **fit-tieni lok**, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq l-ammissjoni tieghu stess qed issib lill-imputat **ODAI HASSAN HATI** tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, u in vista' tal-fattispeci kollha tal-kaz, inkluz il-fedina penali nadifa tal-imputat u wara li qieset il-frekwenza dejjem tizdied ta' dawn il-kazijiet u l-gravita' taghhom kif ben ritenut minn dawn il-Qrati f'cirkostanzi simili, izda wkoll wara li qieset illi l-pajjiz originali li gej minnu l-imputat huwa s-Sirja, pajjiz mimli b'taqlib civili intern, il-Qorti filwaqt illi tqis illi piena karcerarja hija idoneja f'dan il-kaz, tqis ukoll illi ghandha izzomm din il-piena fil-minimu taghha u konsegwentament qeghda tikkundanna lill-imputat ODAI HASSAN ghal zmien sitt (6) xhur prigunerija effettivi li

minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.[21]

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati biex ihallas lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali terz tal-ispejjez tal-hatra tal-espert is-Sur John Charles Ellul fi zmien xahar minn meta din is-sentenza ssir res judicata jew minn meta huwa jiskonta l-piena skont liema wahda ssehh l-ewwel, altrimenti konvertibbli f'habs skond il-ligi.[22]

Il-Qorti qeghda Tordna ukoll id-distruzzjoni tal-karta tal-identita' Griega falza Dokument HG10 li tinsab a folio 31 tal-process fi zmien gimgha minn meta din is-sentenza issir res judicata u dan taht is-supervizjoni tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u tordna lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali li jipprezenta nota dwar tali distruzzjoni f'dawn l-atti.

Finalment, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ghal dan il-ghan u sabiex jigbor immedjatament dak li huwa dovut hekk kif din is-sentenza issir res judicata kif ukoll tordna li kopja ta' l-istess sentenza tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija fil-veste tieghu ta' Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni sabiex immedjatament jibda l-preparamenti necessarji sabiex hekk kif din is-sentenza tkun definittiva u ma tistax tigi mibdula jiehu dawk il-passi kollha

[21] Ara ukoll il-kawza l-Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni (Spettur Frankie Sammut) vs Dragan Savic (Nru. 6/2020 VGA) deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Mag. Dr. Victor G. Axiaq nhar il-25 ta' Jannar 2020 kif ukoll l-Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni (Spettur Darren Buhagiar) vs Ousmanie Diakite deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Mag. Dr. Victor G. Axiaq nhar il-24 ta' Awwissu 2020.

[22] L-ispejjez tal-espert jammontaw ghal disa' mija disgha u sebghin Ewro u sittax-il centezmu (€979.164) kif jirrizulta a folio 126 tal-process, liema somma diviza fi kwoti ndaqs bejn it-tlett imputati tigi li ghandha tithallas fis-somma ta' tlett mija u sitta u ghoxrin Ewro u disgha u tletin centezmu (€326.39) kull wiehed.

necessarji sabiex wara illi l-imputat jiskonta l-piena huwa jitkecca immedjatament minn dawn il-Gzejjer, jekk ikun il-kaz li ssir tali tkeccija.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ODAI HASSAN fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza, l-obbligi tieghu skont l-istess sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

U

Ghaldaqstant, **fit-tielet lok**, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq l-ammissjoni tieghu stess qed issib lill-imputata **MARYAM ALHESSO HATJA** tal-akkuzi migjuba kontra taghha, u in vista' tal-fattispeci kollha tal-kaz, inkluz il-fedina penali nadifa tal-imputata u wara li qieset il-frekwenza dejjem tizdied ta' dawn il-kazijiet u l-gravita' taghhom kif ben ritenut minn dawn il-Qrati f'cirkostanzi simili, izda wkoll wara li qieset illi l-pajjiz originali li gejja minnu l-imputata huwa s-Sirja, pajjiz mimli b'taqlib civili intern, il-Qorti filwaqt illi tqis illi piena karcerarja hija idoneja f'dan il-kaz, tqis ukoll illi ghandha izzomm din il-piena fil-minimu taghha u konsegwentament qeghda tikkundanna lill-imputata MARYAM ALHESSO ghal zmien sitt (6) xhur prigunerija effettivi li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li hija ghamlet taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.[23]

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hatja biex thallas lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali

---

[23] Ara ukoll il-kawza l-Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni (Spettur Frankie Sammut) vs Dragan Savic (Nru. 6/2020 VGA) deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Mag. Dr. Victor G. Axiaq nhar il-25 ta' Jannar 2020 kif ukoll l-Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni (Spettur Darren Buhagiar) vs Ousmanie Diakite deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Mag. Dr. Victor G. Axiaq nhar il-24 ta' Awwissu 2020.

terz tal-ispejjez tal-hatra tal-espert is-Sur John Charles Ellul fi zmien xahar minn meta din is-sentenza ssir res judicata jew minn meta hija tiskonta l-piena skont liema wahda ssehh l-ewwel, altrimenti konvertibbli f'habs skond il-ligi.[24]

Il-Qorti qeghda Tordna ukoll id-distruzzjoni tal-permess tar-residenza Belgian falz Dokument HG12 li jinsab a folio 33 tal-process fi zmien gimgha minn meta din is-sentenza issir res judicata u dan taht is-supervizjoni tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u tordna lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali li jipprezenta nota dwar tali distruzzjoni f'dawn l-atti.

Finalment, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ghal dan il-ghan u sabiex jigbor immedjatament dak li huwa dovut hekk kif din is-sentenza issir res judicata kif ukoll tordna li kopja ta' l-istess sentenza tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija fil-veste tieghu ta' Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni sabiex immedjatament jibda l-preparamenti necessarji sabiex hekk kif din is-sentenza tkun definittiva u ma tistax tigi mibdula jiehu dawk il-passi kollha necessarji sabiex wara illi l-imputata tiskonta l-piena hija titkecca immedjatament minn dawn il-Gzejjer, jekk ikun il-kaz li ssir tali tkeccija.

Il-Qorti spjegat lill-imputata MARYAM ALHESSO fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza, l-obbligi taghha skont l-istess sentenza u l-konsegwenzi jekk hija ma tonorax l-istess.

[24] L-ispejjez tal-espert jammontaw ghal disa' mija disgha u sebghin Ewro u sittax-il centezmu (€979.164) kif jirrizulta a folio 126 tal-process, liema somma diviza fi kwoti ndaqs bejn it-tlett imputati tigi li ghandha tithallas fis-somma ta' tlett mija u sitta u ghoxrin Ewro u disgha u tletin centezmu (€326.39) kull wiehed.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Qrati minnufih.

Moghtija, llum 26 ta' Marzu 2025, fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.
Magistrat

Heidi Zammit
Deputat Registratur